MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru. 601/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**KEITH PACE ta' 28 sena, iben Lawrence u Emanuela nee' Vella, imwieled Tal-Pieta nhar l-10 ta' Lulju, 1980, residenti gewwa 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 327480M;;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi mibjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **KEITH PACE** li gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-2 ta’ Jannar, 2009 b’xi hin bejn is-19:00 ta’ fil-ghaxija, u l-22:00 ta’ fil-ghaxija minn gewwa l-fond bl-isem Il-Girna Antique Shop, li jinsab fi Triq il-Wied ta’ l-Imsida, ikkommetta serq ta’ oggett, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37), u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Philip Borg minn Hal-Balzan u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjamenet hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centemzu(€1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu(€116.47)u dan ghad-detrimenet ta’ Philip Borg minn Hal-Balzan u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli nhar it-12 ta’ Frar, 2009 b’xi hin bejn it-20:00 ta’ fil-ghaxija u l-21:40 ta’ fil-ghaxija, minn gewwa l-fond bl-isem Benny’s Antiques, li jinsab fi Triq il-Providenza, Balzan, ikkommetta serq ta’ oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elf tliet mija u disghin u ghoxrin centezmu u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Pierre Grech Cumbo Pillow minn Hal-Balzan u/jew persuna jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu((€1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu(€116.47) u dan ghad-detriment ta’ Pierre Grech Cumbo Pillow minn Hal-Balzan u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli f’xi hin bejn nofsinhar ta’ nhar il-25 ta’ April, 2009 u d-09:00 ta’ fil-ghodu ta’ l-ghada 26 ta’ April, 2009, minn gewwa l-fond bl-isem L-Intrata, li jinsab fi Triq Fra Diegu, Hamrun, ikkommetta serq ta’ oggetti liema

serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37) u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Gaetano Said mill-Hamrun u/jew persuna jew persuni ohra;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u airrin centezmu(€1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu(€116.47), u dan ghad-detriment ta’ Gaetano Said mill-Hamrun u/jew persuni ohra;

7. U aktar talli f’xi hin bejn l-16:00 ta’ war nofsinhar ta’ nhar id-29 ta’ April, 2009 u s-06:00 ta’ fil-ghodu ta’ l-ghada 30 ta’ April, 2009 minn gewwa fond numru 33, Triq San Tumas, Floriana, ikkommetta serq ta’ oggett, liema serq huwa aggravat u bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin centezmu(€2,329.37), u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Publius Magro minn Rahal Gdid u/jew persuna jew persuni ohra;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew ghararq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu(€1,164.69) imma huma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu(€116.47), u dan ghad-detriment ta’ Publius Magri mill-Floriana u/jew persuni ohra;

9. U aktar talli nhar is-6 ta’ Mejju, 2009 f’xi hin bejn is-12:45 ta’ wara nofsinhar u t-15:30 ta’ wara nofsinhar, minn gewwa l-fond bl-isem Il-Girna, li jinsab fi Triq ix-Xatt, Pieta’, ikkommetta serq ta’ oggett, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu(€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro(€2,329.37), u dan ghad-detriment ta’ Philip Borg minn Hal-Balzan u/jew persuna jew persuni ohra;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjment hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu(€1,164.69) imma huma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu(€116.47), u dan ghad-detriment ta' Philip Borg minn Hal-Balzan;

11. U aktar talli bejn ix-xhur ta' Jannar u Mejju, 2009 xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti;

12. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

13. U aktar talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-15 ta' Jannar, 2009.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu;

Rat li fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Gunju, 2009 l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu;

Rat l-Artikoli 261, 289, 344, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkf ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni qieghda ssib lill-imsemmi Keith Pace hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan

wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 325, 344, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba'(4) snin;
Tirrakkomanda li Keith Pace jibqa' jigi segwit minn Psikjatra stante li gia' kien taht il-kura ta' Dr Joseph Muscat. Qieghed jigi wkoll rakkomandat li Keith Pace jigi moghti dik l-ghajnuna kontra kull abbuz li jista' jkun afflitt bih;
Qieghed jigi kkundannat ghal emenda fl-ammont ta' mitt Ewro(€100) fil-konfront tal-ksur taht il-Kapitolu 446, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pagabbli fi zmien sitt(6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------